# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-26 ta' Gunju 2023**

**Rik. Gur. Nru.: 287/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**PM**

**Vs**

**IC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' PM datat 20 ta' Dicembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat zewwgu gewwa ir-Registru Pubbliku tal-Belt nhar 19 ta' Dicembru 2002 u dan skond estratt mill-Att taz-Zwieg Nru 2140/2002 (hawn anness u mmarkat bhala Dok A) u frott ta' dan iz-zwieg twieldu erbghat itfal; AC f'X, (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok B), SC li twieled nhar f'Y (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok C), CC, li twieldet nhar Z (Certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok D) u LC, li twieldet nhar f'W (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok E).*

2. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment u dana stante adulterju, eccessi theddid u offizi gravi u dana mhux eskluz l-aghar xeni ta' vjolenza fuq il-persuna tal-attrici da parti tal-intimat u ragunijiet gravi ulterjuri u sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment tas-separazzjoni personali.*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghall-iktar minn tmien snin u llum il-gurnata l-intimat jinsab detenut gewwa l-Habs ta' Kordin.*

4. *Illi l-intimat ilu snin ma jivversa manteniment, m'ghandu l-ebda kuntatt mal-minuri u lanqas access u ghalhekk l-attrici kellha u ghadha trabbi l-minuri kollha wahidha u tiehu hsieb il-bzonnijiet finanzjarji kollha taghhom.*

5. *Illi evidentement huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jkomplu jghixu flimkien mal-attrici fir-residenza li dejjem baqghu jghixu go fih b'dan il-konvenut ghandu jigi svestit minn kull awtorita' paternali.*

6. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u ghaldaqstant ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat 12 ta' Dicembru 2019, li nghatat mill-Imhallef Onor. Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M, u l-Onor Imh.Antonio G. Vella, fl-atti tal-Ittra Nru 657/18, Digriet Numru 3028/19*

*Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat.*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn il-mara attrici.*

3. *Tordna sabiex is-setgha tal-genitur missier intimat jispicca ipso jure.*

4. *Tordna li l-intimat ihallas manteniment favur il-minuri kif ukoll ghal dawk l-ulied li ghadhom jistudjaw oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni skond il-kaz.*

5. *Tordna sabiex l-attrici tibqa tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali flimkien ma uliedha kollha ad eskluzzjoni tal-intimat.*

6. *Tawtorizza sabiex l-attrici tippercepixxi tali manteniment direttament mill-paga*

*tal-konvenut jew minn xi dipartiment jew awtorita' li minghandha jkun qed jircievi xi forma ta' introjtu u/jew beneficcju.*

7. *Tiddikjara illi d-dar matrimonjali hija paraphernali u ghalhekk l-intimat m'ghandu l-ebda jedd jirrisjedi jew jkollha l-ebda forma ta' titolu fuq l-imsemmi dar matrimonjali li jgib l-indirizz Block 8, Flat 3, Pietro Darmenia Street, Pembroke.*

8. *Tordna Ordni ta' Protezzjoni favur l-attrici u uliedha liema terminu ghandu jibqa ghaddej wara li l-intimat johrog mill-habs.*

9. *Tiddikjara li ghandha tigi tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni tapplika l-artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-intimat li m'ghandhux jinghata l-ebda sehem mill-akkwisti maghmula mill-attrici minn dik id-data li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti.*

10. *Tordna sabiex l-intimat jkun unikament responsabbli ghall-kwalunkwe djun li sar unilateralment da parti tieghu specjalment dak id-djun li saru inkonsapevolezza tal-attrici.*

11. *Tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjoni tal-Artikoli 38 et seqq. tal-Kodici Civili.*

12. *Tillikwida l-assi kollha parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess lir-rikorrenti.*

13. *Tillikwida l-kreditu dovut ir-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex ihallas tali kreditu hekk likwidat fi zmien perentorju li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti.*

14. *Tordna li kwalunkwe Childrens Allowance u Beneficcji socjali ohrajn jigu percepiti mill-attrici.*

15. *Tawtorizza lill-attrici sabiex wahedha u minghajr ma' li tottjeni l-awtorizazzjoni ta' l-intimat IC, tapplika ghal tigdid tal-passaporti tal-minuri u taghti dawk l-istruzzjonijiet lill-Ufficjal tal-Passaporti skond kif dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

16. *Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat ddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand martu rikorrenti.*

*Salv kull ordni u dispozizzjoni ohra li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez, kontra l-intimat ingunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet ta' din il-Qorti flimkien mal-avviz tas-smigh gie debitament notifikat skond il-ligi.

Rat illi l-intimat ma ppresenta eda risposta guramentata u ma deherx;

Rat illi l-intimat gie dikjarat kontumaci fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2020 (vide verbal a fol 18)

Rat illi fl-udjenza tas- 7 ta' Dicembru 2021, (vide verbal a fol 135) laqghet it-talba ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur l-attrici u uliedha, kontra l-intimat.

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstemgha kontestawalment mal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 12/2022 JPG u li x-xhieda ta' din il-kawza tapplika ugwalment ghall-kawza 12/2022 u vice versa;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni u l-atti kollha tal-kas;

**Ikkonsidrat:**

***Gertrude Scerri in rapprezentanza tal-Iiptar Mater Dei xehdet nhar it-2 ta' Dicembru 2020 (vide fol 22 et seq)*** u esebit kopja tal-file mediku tal-attrici. (Dok GS1)

***Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Jobs Plus, xehed nhar it-2 ta' Dicembru 2020 (vide fol 23 et seq)*** u esebixxa l-*employment history* tal-intimat (Dok JS1.) ix-xhud jispjega illi peress li

l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, il-*freedom of movement* tal-intimat tieqaf u jkollu bzonn *work permit* biex jahdem.

***L-Ispettur Leroy Engerer xehed nhar l-14 ta' Ottubru 2021 (vide fol 109A et seq)*** u esebixxa ghaxar (10) rapporti maghmula mill-attrici fil-konfront tal-intimat, u ohrajn maghmula mill-intimat. (Vide Dok LE1-10.)

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobs Plus xehed nhar l-14 ta' Ottubru 2021 (vide fol 109C et seq)*** u esebixxa l-*employment history* tal-intimat. (Dok LB1.)

***Joseph Debono in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, Inland Revenue Department xehed nhar l-14 ta' Ottubru 2021 (vide fol 109E et seq)*** u esebixxa *tax payer registration form* tal-partijiet kif ukoll sensiela ta' dokumenti ohra inklus *tax returns.*

***Dr Alexia Aquilina xehdet nhar is- 7 ta' Dicembru 2021 (vide fol 226 et seq)*** u prezentata sensiela ta'dokumentazzjoni li tindika kawzi pendenti, mandati etc fil-konfront tal-intimat. (Vide Doks AA1-AA3)

***Doris Fenech, Agent Registratur Qrati Kriminali xehdet nhar is- 7 ta' Dicembru 2021 (vide fol 228 et seq)*** u prezentat kopji ta-sentenzi moghtija fil-konfront tal-intimat. (Vide DOk DF1-DF3).

***L-attrici xehdet nhar is- 7 ta' Dicembru 2021 (vide fol 230 et seq)*** u spjegat illi izzewget l-intimat fid-19 ta' Dicembru 2002 u li minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal, li ghandhom, tmintax (18), sittax (16), tlettax (13) u ghaxar (10) snin rispettivament. Tikkonferma illi r-relazzjoni taghha mal-intimat bdiet fis-sena 2001 u li kienet harget tqila qabel ma zzewwgu. Illi filfatt hija harget tqila wara biss tlett xhur li kienet ilha tafu u izzewgu tlett xhur wara li harget tqila. Tispjega illi l-intimat beda jkun vjolenti fizikament, minn dakinhar li zzewgu. Izzid illi wara li zzewgu, hadha go bar, u hadha l-Mc Donalds biex jieklu. Illi x'hin marru id-dar imbuttaha fuq is-sodda fejn qalilha li hi issa hi kienet tieghu. L-attrici spjegat illi " he just pushed me in my stomach and he just you know slapped me." Filfatt kien bieghda minn mal-familja taghha tant li meta marru jghixu Bugibba, tilfet il-kuntatt kollu minn mal-familja taghha ghaliex hu kien jghidilha li kellha taghzel bejnu u l-familja taghha. Tispjega illi dak iz-zmien

hi kienet stupida u kienet ghadha zghira, pero' kienet thobbu u kienet waslet biex twelled t-tarbija. Tikkonferma illi hi kellha biss tmintax(18)- il sena meta zzewwgu.

Tispjega illi tul iz-zwieg tilfet zewgt itarbi. Darba minnhom wara, li kienu marru ghall-ultrasound u kienu saru jafu illi t-tarbija kienet tas-sess femminili, l-intimat tant kien vjolenti maghha illi tilfet it-tarbija u kien anke irrifjuta li johda l-isptar. Filfatt kien missierha li wassalha l-isptar u wara dan l-episodju reghhet ghamlet kuntatt mal-familja taghha. Illi t-tieni darba kien ghamilha *black eye*, ghaliex kien ser jerga jkollhom tifla. Illi filfatt tabib minhom kien ra lill-attrici b'din il-*black eye.*

Izzid illi kien anke qabad jisraqilha l-flus. Tispjega illi l-intimat kien jaghtiha bil-ponn f'wiccha, u kien jimbuttaha ghal mal-art u jibda jtiha bis-sieq. Illi kien anke jsabbtilha rasha mal-hajt. Illi darba minnhom kienet telqet mid-dar u spiccat ghamlet jumejn tghix fil-karozza b'erbat itfal. Illi pero' ma setghatx tibqa' sejra hekk u kienet spiccat marret ghand ommha u spjegatilha kollox. Illi damet tmien (8) xhur sabiex setghet tmur lura d-dar matrimonjali, ghaliex il-Pulizija kienu qalulha illi gialadarba telqet ma tistax taqbad u tirritorna. Illi meta marret lura d-dar matirmonjali ma sabet xejn, la hwejjigha, u lanqas dawk tat-tfal.

Tispjega illi fil-prezent qieghda tahdem, u ghadha kif bdiet impjieg gdid. Izzid illi meta kienet tghix mal-intimat kienet tahdem tliet (3) xoghlijiet. Tirrileva illi kienet tahdem bhala *cleaner*, u kienet tqum fis-sitta ta' filghodu u kienet tmur tnaddaf il-bar ta' taht il-*flat* taghha.Wara dan, kienet tmur tahdem f'*restaurant* fil-pjazza ta' Bugibba , filwaqt li flghaxija kienet tmur tahdem night job. Izzid illi l-intimat qatt ma hadem ghaliex kien iktar interessat fin-nisa.

Tishaq illi ddecidiet li taghmel dan il-pass wara tant zmien, meta binha, li kien jattendi De La Salle College, kien xtarr mal-ghalliema tieghu illi kien qieghed jigi msawwat minn missieru. Illi l-Kap tal-Iskola kienet cemplitilha u kienet infurmata illi l-minuri ma kienx ser jirritorna lura d-dar minhabba allegat abbuz fuq il-minuri. Illi dak iz-zmien hija kienet tqila bir-raba wild, u filfatt kienu qieghdin isiru arrangementi sabiex l-Istat jintervjeni u jiehu lill-minuri kollha. Illi sussegwentment ommha kienet intervjeniet u kienet giegheltha tammetti dak li kienet ilha tghaddi minnu. Illi minkejja dan kollu, hija baqghet tahfer lil zewgha ghaliex hu baqa jweghda li ser jinbidel. Illi dan ma kien xejn minnu u wara t-twelid tar-raba tarbija l-affarijiet komplew jiggravaw.

L-attrici xehdet fuq episodju partikolari fejn l-intimat kien qieghed isegwiha bil-karozza, u anke beda jidhol go fiha bil-karozza stess, u dana minkejja li fil-karozza tal-attrici kien hemm uliedhom. Illi f'hin minnhom l-intimat kien hareg mill-karozza u beda jghid lit-tifel il-kbir biex jiftah il-karozza. Illi l-intimat gab *baseball bat* u beda jghati fuq il-karozza b'din il-*bat.*

Tikkonferma illi l-propjeta fejn qieghda tirrisjedi hija propjeta li giet mixtrija minn ommha. Illi ommha kienet ukoll xtrat il-garage bin-numru 40 li jinsab sottopost ghall-flat. Izzid illi recentement kelmitha persuna li qieghda zzur lill-intimat gewwa l-habs u avzaha illi l-intimat qieghed jippjana li joqtolha hekk kif johrog mill-habs.

***L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 212 et seq)*** u spjegat illi hi kienet rat lill-intimat l-ewwel darba fi club f'Bugibba f' Lulju tas-sena 2002, meta hi kellha biss tmintax (18)- il sena. L-intimat kien qalilha li kien qieghed Malta minhabba xi *try-outs* ma' xi *clubs* tal-*football* lokali u li hu kien miz-Z u li missieru kien xi Re ta' xi stat N u li hu kien Princep. Illi wara biss xahar ta' frekwentazzjoni u rapporti intimi, l-attrici tixhed illi f'Awwissu hija bdiet thossha ma tiflahx, u wara accertamenti medici kien irrizulta illi hija kienet tqila. Tishaq illi kif appena hi u l-intimat bdew jghixu flimkien hi bdiet tinduna kemm l-intimat kien qieghed jipprova jezercita kontroll fuqha. Illi meta l-intimat kien propona illi l-attrici ghandha taghmel abbort, u l-attrici rrifjutat, l-intimat kien heddidha illi ha jitlaq lejn il-Canada. Illi filfatt, ftit jiem wara, l-intimat kien telaq mid-dar, u wara li l-attrici kienet infurmat lill-familjari tieghu b'dan kollu, huwa kien irritorna lura d-dar izda l-attitudni tieghu lejha kienet inbidlet kompletament. Illi minkejja li ommha kienet wissietha biex ma tikkommettix ruhha mieghu, hija kienet qieghda taghmel minn kollox sabiex din ir-relazzjoni tahdem, tant illi meta f'Novembru tas-sena 2002, meta l-intimat kien ta ultimatum illi hi kellha tizzewgu nkella huwa kien ser jitlaqha, hija cediet, u filfatt izzewgu fid- 19 ta' Dicembru ta' dik l-istess sena, 2002. L-attrici tammetti illi hi ma kienitx infurmat lil ommha b'dan. Illi fil-frattemp, huma marru jirrisjedu f'appartament f'Bugibba, izda dan l-appartament ma kienx mghammar sew, u kien nieqes minn hafna bzonnijiet bazici. Illi f'dan l-istadju, l-attrici kienet waslet biex twelled. Illi kif bdew jirrisjedu f'dana l-appartament, l-intimat sar vjolenti u l-attrici gharfet verament x'tip ta' persuna kien.

Tixhed illi gimgha qabel ma weldet lil binhom, l-intimat kien ta daqqa ta' hartha fuq wiccha, tant li bl-impatt hija kienet waqghet mal-art. Illi l-intimat kien kontinwament jinsultaha ghaliex ma kienitx issajjar l-ikel li kien ihobb. Illi dakinhar li dahlet twelled, l-intimat ma riedx li omm

l-attrici tkun prezenti u dan minkejja li l-attrici talbitu ghal dan. Illi filfatt wara li twieled il-minuri, l-attrici ghamlet hdax(11)- il xahar ma tara l-ommha. Illi wara biss xahar mit-twelied tal-minuri, l-attrici kellha tfittex xoghol sabiex tkun tista tmatni lilha nnifisha u lil binha, ghaliex l-intimat irrifjuta li jhallas il-kera jew li jixtri l-affarijiet necessarji ghat-tarbija. Illi filfatt l-attrici spiccat tahdem tliet (3) xoghlijiet, waqt li shabha kienu jzommu lill-minuri. Illi minhabba dan l-i*stress* kollu, l-attrici spiccat tilfet it-tieni tarbija taghha. Tispjega illi gimgha qabel il-korriment, l-intimat kien ta daqqa ta' ponn fuq zaqqha u fuq daharha. Illi wara l-korriment l-attrici flimkien mal-minuri marret tirrisjedi m'ommha, u tul dan il-perjodu l-intimat kien qieghed igib ruhhu bl-ahjar mod. Illi kif appena marret lura fl-appartament taghhom gewwa Bugibba, l-intimat rega beda jgib ruhhu hazin, billi jhalliha wahedha d-dar, johrog flghaxijiet, imur fil-*clubs* u kien jirritorna d-dar l-ghada filghodu. Illi rega kien qieghed ikun vjolenti mal-attrici u hi kienet ghadha tittama li r-relazzjoni tirnexxi. Illi f'dan l-istadju kienet tisma lil shabu jghajtulu bl-isem "I".

Tispjega kif l-intimat kien jheddidha kontinwament, u kien isakkar lilha u lill-minuri f'kamra, u kien jaghtihom biss barmil u bicca hobza x'jieklu. Is-swat ma waqaf qatt, tant li l-attrici ta' sikwiet kienet tispicca bi *black eye*. Illi tul dan il-perjodu kienet avvicinata minn diversi nisa li kellhom relazzjonijiet intimi mal-intimat, u kienu spjegawlha illi huma ma kienux jafu illi kien mizzewweg. Illi minkejja dan l-intimat, kien irnexxilu jipperswadi lill-attrici sabiex ma titilqux u li hu kien dispost li jaghmel dak kollu necessarju sabiex iz-zwieg taghhom jirnexxi. Illi filfatt l-attrici regghet harget tqila ftit wara. Illi kif l-intimat sar jaf illi l-attrici kienet tqila, il-vjolenza u r-rabja kompliet tizdied meta saru jafu illi t-tarbija kienet ser tkun tas-sess femminili. Illi meta waslet biex titwieled it-tarbija, kienet ommha li haditha l-isptar u filfatt l-intimat wasal hekk kif twieldet it-tarbija u telaq wara siegha. Illi sakemm kienet l-isptar l-intimat kien rega ta daqqa ta' ponn lill-attrici f' zaqqha. Illi kif gara dan, l-attrici bdiet tara d-demm. Illi wahda mill-*midwives* rat dan kollu u filfatt kienet ghamlet rapport. Illi wara ftit xhur mit-twelied tat-tifla, l-attrici kienet irceviet telefonata illi l-intimat kien ser jinbaght lura Malta ghaliex kien prova juza passaport falz sabiex jitlaq mill-pajjiz, u ma kiex ser jithalla jidhol lura Malta.

Illi fl-2005, l-intimat mar lura n-N ghal xahar, u tul dan il-perjodu qatt ma ghamel kuntatt mal-attrici. Illi f'din is-sena, l-attrici tixhed illi bl-ghajnuna finanzjarja ta' ommha, kienu akkwistaw appartament u garage f'Pembroke minghand il-Housing Authority. Illi mas-snin, l-intimat beda anke jgib nisa d-dar u jinghalaq maghhom fil-kamra tas-sodda. Illi minn hemm is-sitwazzjoni bdiet teskala u darba minnhom kienet sabet anke zewgt irgiel fl-appartament taghhom

f'Bugibba, u kien hemm riha ta' hruq u sommom kbar ta' flus. Illi filfatt ftit wara giet infurmata illi l-intimat kien gie arrestrat fuq traffikar tad-drogi. Illi di piu' l-attrici kienet saret taf illi l-intimat kellu wild iehor minn relazzjoni ohra. Illi minkejja dan kollu, hi kienet talbet il-flus lil hbieb u familjari taghha ghall-*bail* tal-intimat. Illi meta l-intimat kien gie rilaxxat mill-habs, kien bhal bniedem riformat, u kien jaghmel hafna hin gewwa id-dar maghhom. Illi filfatt kellhom zewgt itfal ohra, LC twieldet fis-sena W u SC fis-sena Z. Illi pero' din is-sitwazzjoni ma damitx wisq u l-intimat rega beda jkun vjolenti, u filfatt kien anke beda jisraq il-ftit flus li kellhom.

Tixhed illi l-intimat qatt ma pprovda ghat-tfal, u filfatt kien jishaq mat-tfal sabiex jghajtulu U u mhux papa'. Illi meta l-minuri AC kellhu bejn tliet (3) snin u sitt (6) snin, l-intimat kien qabad jaghtih bil-wooden spoon u anke bi spalliera jew zarbuna. Tul l-affidavit taghha, l-attrici isemmi diversi episodji ohra ta' vjolenza perpetrati mill-intimat fuq il-persuna taghha jew tal-minuri. Illi minkejja diversi proceduri gudizzjarji, kemm ta' natural kriminali inkluz dawk ghall-manteniment, l-intimat qatt ma hallas manteniment ghall-uliedu. Tishaq illi ilha ghaxar snina tipprova tottjeni is-separazzjoni, izda qatt ma rnexxilha ghaliex b'xi mod jew iehor l-intimat dejjem kien jirnexxilu jezercita l-kontroll tieghu fuq l-attrici u meta kien jattendi ghal xi medjazzjoni, kien biss interessat fil-propjeta.

Tishaq illi l-intimat abbuza mill-ingenwita' u l-eta zghira taghha u li dan iz-zwieg kien biss wiehed ta' konvenjenza ghall-intimat.

***AC, bin il-partijiet xehed permezz ta' affidavit (vide fol 38 et seq)*** u spjega illi huwa jiftakar lill-intimat, u cioe lill-missieru. Jishaq illi lill-intimat kien isejjahlu "U" u mhux papa' peress li l-intimat qatt ma riedhom jghatulu papa.' Jiftakar illi missieru dejjem kien vjolenti ma' ommu u kien jinsultaha ghalxejn b'xejn. Illi filfatt huwa jiftakar lil ommu dejjem tibki, u meta missieru kien jerfa' jdejh fuq ommu, huwa kien jidhol f'nofshom, u filfatt
darba minnhom missieru kien spicca xehtu in-naha l-ohra tal-kamra. Izid illi missieru kien vjolenti anke mieghu. Jixhed illi hu u hutu kienu jhossuhom siguri biss meta kienu jmorru jorqdu ghand in-nanna. Jispjega illi hu kien jahseb li s-sitwazzjoni li kienu qieghdin jghixu hu u l-familja tieghu kienet in-norma, u nduna illi dan ma kienx minnu meta kien ikun mistieden ghand shabu. Illi llum huwa konsapevoli illi omm kienet imwerwra minn missieru. Jirrakonta episodju wiehed fejn waqt li hu u hutu kienu qieghdin fil-karozza ma' ommhom, missieru prova jahbat go fihom. Illi xhin ommhom waqfet, missieru gie ghalihom b'sikkina kbira. Illi

x'hin ommu regghet saqghet, missieru baqa jsegwihom sakemm ommu irnexxilha ssuq u gew mghejuna minn pulizija. Illi l-unici memorji li ghandu ta' missieru huma ta' persuna krudili u rrabjata.

***CC, bint il-partijiet, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 41et seq)*** u spjegat illi meta kienet zghira, kienet tqatta hafna granet flimkien man-nanna, izda qatt ma kienet taf ghalfejn kien jigri dan. Illi pero' tiftakar id-diversi iljieli fejn ommha kienet tigi msawtha minn missierha. Izzid illi U qatt ma kien gentili maghhom. Illi fl-affidavit taghha, ix-xhud taghmel referenza gahll-episodju deskritt minn huha, meta l-intimat kien saq warajhom bil-karozza, fejn imbaghad hebb ghalihom l-ewwel b'sikkina kbira, imbaghad b'baseball bat. Tixhed illi tiftakar li l-intimat kien isawwat lil huha AC.

***HM, omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit, (vide fol 43 et seq)*** u spjegat illi l-ewwel darba li iltaqghet mal-intimat kien gewwa l-isptar Capua l-ghada li hija saret taf illi l-attrici kellha tlett xhur tqala. Hija kienet wissiet lill-attrici sabiex ma tikkomettix ruhha ma' dan il-bniedem, izda ftit xhur wara, l-attrici zzewget lill-intimat, minghajr l-gharfien taghha. Illi filfatt hija saret taf b'dan iz-zwieg xahrejn wara. Ix-xhud tishaq illi l-intimat ried jakkwista *freedom of movement*, u kien approfitta mill-attrici li dak iz-zmien kien ghad kellha biss tmintax (18)- il sena. Illi eventwalment l-intimat kien irnexxilu jaljena lill-attrici minn ommha, u filfatt ix-xhud tispjega illi ghaddew diversi xhur qabel hi u bintha regghu iltaqghu, tant li ix-xhud ma kienix rat lit-tarbija AC hekk kif twieled. Illi wara hdax- il xahar, kienet irciviet telefonata minghand l-ex ragel taghha, fejn kien infurmaha illi bintha kienet qieghda tara kwantita ta' demm. Illi minn hemm hija rat b'ghajnejha l-istat pietuz li fih kienu qieghdin jghixu bintha u t-tarbija. Illi sussegwentement saret taf illi l-attrici kienet tqila bit-tieni wild taghha, izda kienet korriet minhabba li kienet qieghda tipprova tlahhaq ma diversi xoghlijiet sabiex setghet tipprovdi ghaliha u ghall-minuri AC.

Illi f'dan il-perjodu kienet ix-xhud li kienet thallas il-kera tal-post fejn kienu qieghdin jirrisjedu l-attrici, l-intimat u l-minuri AC u kienet ukoll tipprovdilhom dak kollu necessarju. Illi fis-sena 2005, kienet ghenet lill-attrici b'mod finanzjarju sabiex takkwista flat u garage minghand il-Housing Authority gewwa Pembroke, stante li l-intimat qatt ma refa' din ir-responsabbilita.' Illi eventwalment l-attrici weldet tliet (3) ibniet ohra.

Tishaq illi z-zwieg tal-partijiet kienet wiehed turbolenti u vjolenti, b'dana illi bintha kienet tigi msawtha miz-zewgha. Illi minkejja lil-attrici ghamlet diversi rapport mal-Pulizija, bezghat tiehu passi kriminali fil-konfront ta' zewghha. Illi l-intimat kien sahansitra jaghtiha bil-ponn go zaqqa anke meta kienet tqila. Illi minn ricerka li hija kienet ghamlet kien irrizulta illi kien hemm diversi proceduri gudizzjarji fil-konfront tal-intimat relatati ma' diversi passaporti b'kunjomijiet u ismijiet diversi. Illi eventwalment, irrizulta ukoll illi l-intimat kien involut fi traffikar tad-droga, fejn kien gie misjub hati u intbaghat il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Illi f' Novembru tas-sena 2010 kienet anke inharget Protection Order favur l-attrici kontra l-intimat.

Tirrileva illi l-intimat izzewweg lill-attrici ghal konvenjenza personali tieghu, u ghamel minn kollox sabiex jikkontrolla lill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma***

> ***jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi fir-rikors promotur l-attrici tindika illi l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik tz-zwieg taghhom minhabba adulterju, eccessi, theddid u offizi gravi.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f'dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher***

***li wettqet l-attriċi, jammonta għall-eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti." Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għall-sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-adulterju, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-

ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Dicembru 2002 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti *a fol 5*. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom erba' (4) ulied: AC li llum huwa maggiorenni, CC li waslet biex taghalaq X- il sena, LC li ghandha Y- il sena u SC li ghandha W-il sena.

Il-Qori rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2020 (vide verbal a fol 18), l-intimat gie dikjarat kontumaci. Illi fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2023 *(vide verbal a fol 250)* din il-Qorti akkordat lill-konvenut il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda huwa baqa inadempjenti. Illi ghalhekk u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kif ukoll dawk tal-proceduri bin-numru 12/2020JPG fl-istess ismijiet. Illi din il-Qorti rat ir-ritratti esebiti mill-attrici f'dawna l-proceduri u rat ukoll it-testimonjanzi ta' ommha, u uliedha AC u CC fil-

proceduri bin-numru 12/2020JPG, li qed jinstemghu kontestwalment mal-proceduri odjerni, liema xhieda tapplika ugwalment ghal dawn l-proceduri.

Illi mill-provi in atti din il-Qorti taghraf illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed karatterizat minn vjolenza kontinwa perpetrata mill-intimat fuq il-persuna tal-attrici mill-bidu ta’ dan iz-zwieg. Illi din il-Qorti kif ritenut minnha stess fid-decisjoni taghha fil-proceduri fl-istess ismijiet bin-numru 12/2020 JPG, l-intimat approfitta ruhhu mill-genwinita u l-eta’ zghira tal-attrici, li kienet intilfet warajh kompletament, sabiex huwa jkun jista’ jibqa’ jirrisjedi Malta u eventwalment jikseb cittadinanza Maltija. Illi filfatt, mix-xhieda mhux kontrastata tal-attrici huwa evidenti illi kull darba li l-attrici kienet tiddeciedi li tittermina r-relazzjoni, l-intimat kien jaghmel minn kollox sabiex ibiddilha fehmtha ghaliex kien konxju tal-fatt illi l-permanenza tieghu f’ Malta tiddependi fuq iz-zwieg tieghu mal-attrici.

Illi mill-provi in atti, din il-Qorti hija konvinta illi l-attrici kienet vittma ta’ vjolenza kontinwa da parti ta’ zewgha, vjolenza li zdiedet ma’ kull tqala. Din il-Qorti rat ukoll kif l-intimat ghamel minn kollox sabiex izola lill-attrici mill-kumplament tal-familja taghha, specjalment waqt l-ewwel tqala, meta l-attrici kienet taht il-kontroll assolut tal-intimat. Illi mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici, din il-Qorti rat ukoll kif l-attrici spiccat biex kellha korriment u dana wara li l-intimat, minkejja li kien konsapevoli li l-attrici kienet tqila, ta bil-ponn f’zaqqa, tant li l-attrici spiccat biex tilfet it-tarbija. Illi episodju simili irrepeta ruhhu l-isptar wara t-twelied ta’ wahda mill-ulied, fejn l-intimat ta daqqa ta’ ponn lill-attrici f’zaqqha hekk kif kienet ghadha kif weldet.

Illi din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-versjoni tal-attrici meta tishaq illi zewgha kien aktar mohhu fin-nisa, u li mhux l-ewwel darba li gab nisa ohra fid-dar matrimonjali sabiex ikollu rapporti mal-istess. Illi filfatt fin-nota prezentata mill-intimat fil-proceduri bin-numru 12/2020 JPG, l-intimat jammetti illi hu zbalja, u li ma kienx kapaci jaccetta iz-zwieg tant li wasal biex irrovina z-zwieg tieghu u gab herba shiha fuq il-familja tieghu. Illi din il-Qorti rat ukoll kif l-intimat dejjem naqas milli jaghti dak is-sapport lill-attrici, sapport li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin. Illi kif tixhed l-attrici, it-trobbija tal-ulied dejjem hadet hsiebha hi, u li sahanistra l-intimat kien jirrabja kull darba li kienet twelled tifla u mhux tifel. Illi d-disinteress totali tal-intimat verus uliedu huwa ukoll korraborat mix-xhieda tal-ulied il-kbar, AC u CC li sahanistra jixhdu kif l-intimat kien iggieghlhom jghajtulu U u mhux papa’. Illi il-minuri ma kienux biss prezenti u esposti ghal din il-vjolenza kontra ommhom kollha izda

bhal attrici kienu ukoll vittmi tal-istess vjolenza. Illi filfatt AC jispjega kif missieru kien jaghtih anke bi spallierja meta ma kienx jigbor il-gugarelli, jew meta bi zball kien ixarrab is-sodda ghaliex ikun ghamel tahtu. Iz-zewg ulied jirrakontaw ukoll f ‘dettal l-episodju tal-karozza, meta l-intimat segwihom bil-karozza, u beda jidhol fihom bl-istess karozza u sahansitra hareg ghalihom b’sikkina u *baseball bat*.

Illi ghalhekk u fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti rrizulta b’mod ampju illi l-intimat mhux biss naqas bhala konjugu imma wisq aktar bhala missier versu uliedu. Il-Qorti tosserva ukoll illi l-intimat ftit li xejn kien jikkontribwixxi mill-aspett finanzjarju, tant li l-attrici, kien ikollha tahdem tliet (3) xoghlijiet minkejja li kienet hi li tikkura lill-uliedha. Illi madanakollu, il-Qorti semghet ukoll kif l-intimat apparti li ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjaent ghall-familtu, ma kien jidejjaq xejn li jiehu l-flus tac-children’s allowance u jberbaq dawn il-flus fuq il-kapprici, niesa, drogi, u sustanzi illeciti ohra. L-imgieba tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici u ma uliedu hija deplorabbli u censurabbli, u tirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u bhala missier. Illi f’dawn ic-cikostanzi deplorabbli, l-intimat ma jistax issa jippretendi li jinghata access meta tul iz-zwieg kollu huwa naqas bl-aktar mod shih mill-obbligi tieghu ta’genitur versu uliedu.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m’għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante adulterju, u offizi gravi da parti tal-intimat.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***“Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, id-dispożizzjonijiet ta’dak l-artikolu.”***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta’ dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b’differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk

tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' adulterju u abbandun u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

***Id-Dar Matrimonjali:***

Din il-Qorti tqis, illi d-dokumentazzjoni esebita fl-atti tal-proceduri bin-numru 12/2020JPG, jikkoraboraw dak li xehdet l-attrici u ommha, u cioe  illi d-dar matrimonjali u cioe il-fond Block 8 Flat 3, Pietro Darmenia Street Pembroke, kien akkwistat permezz ta' fondi li jappartjenu lill-omm attrici u li kienet omm l-attrici li kienet qieghda taghmel tajjeb ghall-loan fuq l-isemmi post. Illi ghalhekk fir-rigward tax-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici, li ukoll ghandha tabita fiha ad esklussjoni tal-intimat.

Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi kontijiet relatati mad-dar matrimonjali ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-attrici.

***Vetturi:***

Illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta ukoll illi omm l-attrici kienet akkwistat vettura ghall-intimat. Illi fid-dawl ta'dan kollu, din il-Qorti tordna illi dina l-imsemmija vettura ghandha ukoll tigi assenjata lill-attrici, filwaqt li l-karozza li tappartjeni lill-attrici ghandha tibqa' fuq isimha.

***Kontijiet Bankarji:***

Illi mid-dokumentazzjoni in atti jidher illi l-partijiet kellhom kont kongunt, mal-bank HSBC Bank Malta plc li kien *loan account* bin-numru 13528948. Illi stante li jidher illi l-loan in

kwistjoni ghadu qieghed jithallas, din il-Qorti tordna illi dana l-kont ghandu jigi assenjat lill-attrici.

***Kura u Kustodja ta' ulied il-partijiet***

F'dan ir-rigward l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless*[3],** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza  kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud*[6]** fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16  jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati  taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*[7]**

---

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.***[10] ***Huma l-***

[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.
[10] Enfazi tal-Qorti.

> ***genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Wara li din il-Qorti qieset l-ghemil vjolenti tal-intimat tul iz-zwieg, kemm versu martu u kif ukoll versu uliedu, taghraf illi l-intimat ghandu jigi zvesit mill-awtorita u setgha ta' genitur, il-ghaliex hu fl-ahjar interess tal-minuri SC, LC u CC li l-attrici omm tkun vestita **bil-kura u l-kustodja esklussiva** tal-minuri. Ghalhekk l-attrici hija awtorizzata li tiehu kwalsiasi decisjoni relatata mal-minuri wahedha minghajr il-htiega tal-kunsens, firma jew presenza tal-intimat. Dan jghodd ghal kull decizjoni straordinarja jew ordinarja relatata mat-tfal inkluz dawk rigward l-edukazzjoni, sahha, safar, hrug u tigdid tal-passaporti tal-minuri.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghar-rikors intavolat mill-intimat datat 10 ta' Mejju 2023, fl-atti tal-proceduri fl-istess ismijiet bin-numru 12/2020, tafferma illi l-intimat kien ilu diversi snin il-habs u l-ahhar memorji li ghandhom il-minuri tal-intimat missierhom huma memorji ghal kollox trawmatici. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tqisx illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi jigi ordnat access tal-missier. Illi di piu din il-Qorti taghraf illi il-bniet iz-zghar ormai ghandhom tlettax (13)- il sena u hmistax (15)- il sena u ghalhekk x-xewqat taghhom f'dan ir-rigward ghandhom jigu rispettati.

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi din il-Qorti taghraf illi l-attrici ma prezentat l-ebda prospett ta' spejjes li hija qieghda tinkorri ghall-minuri u jekk effetivament AC u CC humiex qieghdin jahdmu jew humiex jistudjaw full time. Illi din il-Qorti pero' hija konsapevoli illi dawn it-tfal trabbew unikament mill-attrici, u bl-ghajnuna ta' omm l-attrici u cioe in-nanna materna. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' EUR 600 kull xahar ghall-minuri ulied il-partijiet liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu u/jew beneficcju li l-intimat jista talvolta jkun qieghed jircievi u ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-intimat;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri f'idejn**

**l-attrici omm, b'dana illi l-minuri ghandhom jirrisjedu mal-omm. Illi din il-Qorti tawtorizza lill-attrici omm tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja inkluz dawk ta' edukazzjoni, sahha, safar, l-hrug o meno` ta' passaport u t-tigdid tieghu, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-kunsens, firma jew presenza tal-intimat;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-intimat, fl-ahjar interess ta' uliedu, jigi zvestit mis-setgha ta' genitur;**
4. **Tilqa' r-raba talba u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 600 kull xahar ghall-minuri ulied il-partijiet liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu u/jew beneficcju li l-intimat jista talvolta jkun qieghed jircievi u ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Tordna ukoll illi kwalsiasi beneficcji li l-attrici jew/u il-minuri jistghu jkunu talvolta eliggibli ghalihom inkluz c-*Children's allowance*, ghandhom jigu percepiti mill-attrici.**
5. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi l-attrici flimkien ma' uliedha ghandha tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad esklusjoni tal-intimat;**
6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li tali talba diga giet indirizzata sopra;**
7. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba stante li hija indirizzata fid-disa' decide;**
8. **Tilqa' t-tmien talba u tordna illi l-Ordni ta' Protezzjoni ordnat minn din il-Qorti kif preseduta waqt l-udjenza tas- 7 ta' Dicembru 2021, (vide verbal a fol 135) favur l-attrici u uliedha kontra l-intimat gha ndu jibqa' in vigore;**
9. **Tilqa' id-disa' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod:**

   i. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra**

**kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.**

**ii. Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti tordna illi:**

**a. Fir-rigward tal-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici, u bl-istess mod tassenja dawk il-kontijiet bankjarji intestati f'isem l-intimat lill-intimat.**

**b. Fir-rigward tal-kont kongunt, mal-bank HSBC Bank Malta plc li kien *loan account* bin-numru 13528948, din il-Qorti tordna illi dana l-kont ghandu jigi assenjat lill-attrici.**

**c. Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li tkun assumietha.**

**iii. Illi fir-rigward il-vetturi, din il-Qorti tassjena z-zewg vetturi lill-attrici, stante li l-vettura misjqua mill-intimat kienet inxtrat minn omm l-attrici. Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li ghad fadal xi bilanc dovut lil terzi fir-rigward tal-vettura li kienet misjuqa mill-intimat, dan il-bilanc ghandu jkun a karigu esklusisv tal-intimat.**

**iv. Tassenja d-dar matrimonjali u cioe il-fond Block 8 Flat 3, Pietro Darmenia Street Pembroke, li kien akkwistat permezz ta' fondi li jappartjenu lill-omm attrici, lill-attrici wahedha, b'dana illi l-attrici ghandha tabita fiha ad esklussjoni tal-intimat. Illi din l-Qorti tordna illi kwalsiasi kontijiet relatati mad-dar matrimonjali ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-attrici.**

**10. Tordna illi jigu applikati tkontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet**

**konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli inkluz d-dekadenza mid-dritt li jitlob l-manteniment mill-attrici;**

11. **Tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**